# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 24 ta' April, 2002**

**Appell Nru 212/2001**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond D'Anastasi)**

**v.**

**Raymond Said**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Raymond Said talli fit-12 ta' Awissu[1], 2001, ghal habta tal-11.45 am, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, biddel il-"lock" gewwa l-proprjeta` Villa La Sianese, Triq il-Mizura, l-Ibragg;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-19 ta' Novembru, 2001 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Raymond Said hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u, wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, ikkundannatu multa ta' hamsa u sebghin lira (lm75);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Raymond Said, minnu ppresentat fit-28 ta' Novembru, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta' l-4 ta' Frar, 2002; ikkunsidrat:

L-appellant jikkontendi li hu ma kellux jinstab hati tar-reat ta' *ragion fattasi* ghax f'dan il-kaz, skond hu, kien nieqes "l-element formali rikjest ghall-kostituzzjoni tar-reat in dizamina".

Mill-provi jirrizulta li mart l-appellant, Eileen Said, kellha access ghall-villa in kwistjoni peress li f'dik il-villa – li kienet inxtrat f'isem kumpanija I.T.B. Ltd. li taghha l-appellant kien direttur u li fiha martu kellha sehem tramite kumpanija ohra li kienet "shareholder" f'I.T.B. Ltd. –

[1] Mhux "Marzu", kif erroneament indikat fis-sentenza appellata.

hija kienet poggiet diversi affarijiet tal-familja, inkluzi hwejjeg tat-tfal u affarijiet li kienu jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Eileen Said tghid li hi u zewgha kellhom il-hsieb li jitrasferixxu d-dar martimonjali minn B'Kara ghal din il-villa fl-Ibragg, u li kien ghalhekk li hija bdiet titrasferixxi dawna l-affarijiet. L-appellant, invece, jghid li qatt ma kien hemm dana l-hsieb, u li hija kienet inghatat "permess" tpoggi xi affarijiet f'din il-villa peress li ma kienx hemm spazju fl-appartament li kellhom gewwa B'Kara. Apparti, pero`, ta' jekk kienx hemm jew le intenzjoni tat-trasferiment tad-dar matrimonjali, jibqa' l-fatt li mart l-appellant kellha mhux biss hwejjeg taghha, in kwantu formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, f'dik il-villa, izda kellha access liberu ghal dik il-villa peress li kellha f'idejha c-cwievet tal-post. Jidher li f'xi zmien nibet xi inkwiet bejn l-appellant u martu, u huwa kiteb lil martu, permezz tal-avukat, fejn qalilha biex tnehhi "her belongings" minn gewwa l-villa. F'ebda hin huwa ma talabha lura c-cwievet tal-imsemmija villa. Meta martu ma nehhiet xejn mill-villa, huwa, ad insaputa taghha, qabad u biddel is-serraturi tal-bibien kollha tal-villa, b'mod li meta gurnata minnhom f'Awissu Eileen Said giet biex, bhas-soltu, taccedi gewwa l-fond in kwistjoni, hija ma setghetx; hija marret u ghamlet rapport fil-Ghassa tal-Pulizija.

Fil-fehma ta' din il-Qorti f'dan il-kaz jirrizultaw l-estremi kollha, kemm materjali u kemm formali, tar-reat ta' *ragion fattasi*, u cioe`:

1. att estern li spolja lil martu minn haga li hija kienet qed tgawdi – il-hwejjeg formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti li kienu fil-villa kif ukoll il-pussess tal-istess villa – liema att gie ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, taghha;
2. il-kredenza da parti tal-appellant li t-tibdil tas-serraturi kien qieghed isir b'esercizzju ta' dritt f'isem il-kumpanija I.T.B. Ltd.;
3. il-koxjenza fl-appellant li huwa kien qieghed jaghmel "di privato braccio" dak li kellu jsir permezz tal-awtorita` pubblika (f'dan il-kaz, permezz tal-qrati); u
4. in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt tat-tibdil tas-serraturi wiehed aktar gravi (ara ***Il-Pulizija v. Mario Lungaro*** App. Krim., 15/9/1996, li ghaliha ghamel referenza l-appellant fir-rikors ta' appell tieghu.)

Din il-Qorti, frankament, issibha difficli tifhem kif jista' l-appellant jippretendi li f'dan il-kaz kien nieqes l-element formali tar-reat in dizamina.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Aldo Testone
Dep. Registratur